

Brussell, 24 ta' Mejju 2022
(OR. fr)

9474/22

AGRILEG 79
PESTICIDE 13

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	16 ta' Mejju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D079006/03
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-benzovindiflupir, għall-boskalid, għall-fenażakin, għall-fluważifop-P, għall-flupyradifurone, għall-fluksapiroksad, għall-fosetil-AI, għall-isofetamid, għall-metaflumiżon, għall-pyraclostrobin, għall-ispirotetramat, għat-thiabendazole u għat-tolklofos-metil f'ċerti prodotti jew fuqhom

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D079006/03.

Mehmuż: D079006/03



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
SANTE/10016/2022
(POOL/E4/2022/10016/10016-EN.docx)
D079006/03
[...] (2022) **XXX** draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-benzovindiflupir, għall-boskalid, għall-fenażakin, għall-fluwazifop-P, għall-flupyradifurone, għall-fluksapiroksad, għall-fosetil-Al, għall-isofetammid, għall-metaflumiżon, għall-pyraclostrobin, għall-isperotetramat, għat-thiabendazole u għat-tolklofos-metil f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-benzovindiflupir, għall-boskalid, għall-fenazakin, għall-fluwazifop-P, għall-flupyradifurone, għall-fluksapiroksad, għall-fosetil-Al, għall-isofetammid, għall-metaflumizone, għall-pyraclostrobin, għall-ispirotetramat, għat-thiabendazole u għat-tolklofos-metil f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-14 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni Codex Alimentarius adottat limiti massimi ġodda tar-residwi tal-Codex (CXLs) għall-aċetoklor, għall-afidopiropen, għall-benzovindiflupir, għall-bifentrin, għall-boskalid, għall-buprofezin, għall-carbendazim, għall-klorantraniliprol, għaċ-ċiklaniliprol, għaċ-ċipermetrini (inklużi l-alpha- u z-zeta-ċipermetrina), għad-dikamba, għall-fenazakin, għall-flonikamid, għall-fluwazifop-P, għall-fluwensulfon, għall-flupyradifurone, għall-fluksapiroksad, għall-fosetil-Al, għall-glyphosate, għall-isofetammid, għall-kresoksim-metil, għall-mandestrobin, għall-meżotrijon, għall-metaflumizone, għall-metkonażol, għall-methoprene, għall-pendimetalina, għall-pentijopirad, għall-pikossistrobin, għall-propiconazole, għall-pydiflumetofen, għall-pyraclostrobin, għall-pyriofenone, għall-piriprossifen, għall-ispirotetramat, għat-tebukonażol, għat-thiabendazole, għat-tolklofos-metil u għat-tolfenpirad².
- (2) Fl-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 kienu ġew stabbiliti l-livelli massimi ta' residwi (MRLs) ta' dawk is-sustanzi, ħliet għall-afidopiropen, għall-fluwensulfon, għall-pydiflumetofen u għat-tolfenpirad, li għalihom ma ġie stabbilit ebda MRL speċifiku, u li lanqas ma ġew inklużi fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, u għaldaqstant japplika l-valur prestabbilit ta' 0,01 mg/kg stabbilit fl-Artikolu 18(1)(b) ta' dak ir-Regolament.

¹ ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

² https://www.fao.org/fao-who-codexalimentarius/sh-proxy/en/?lnk=1&url=https%253A%252F%252Fworkspace.fao.org%252Fsites%252Fcodex%252FMeetings%252FCX-701-44%252FFINAL%252520REPORT%252FRep21_CACe.pdf
Il-Programm Konġunt tal-FAO u tal-WHO dwar l-Istandards tal-Ikel tal-Kummissjoni Codex Alimentarius. L-Appendiċi III. L-erbgħa u erbgħin sessjoni. Virtwali, it-8 sal-15, is-17 sat-18 ta' Novembru l-14 ta' Diċembru 2021.

- (3) F'konformità mal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, fejn jeżistu standards internazzjonali jew fejn it-tlestija tagħhom tkun imminenti, dawn iridu jitqiesu fl-iżvilupp jew fl-adattament tal-liġi dwar l-ikel, ħlief fejn dawn l-istandards jew partijiet rilevanti jkunu mezz ineffettiv jew mhux adattat għat-twettiq tal-oġettivi leġittimi tal-liġi dwar l-ikel, jew fejn ikun hemm ġustifikazzjoni xjentifika, jew fejn dawn jirriżultaw f'livell differenti ta' protezzjoni minn dak stabbilit bħala xieraq fl-Unjoni. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 13(e) ta' dak ir-Regolament, l-Unjoni għandha tippromwovi l-konsistenza bejn l-istandards tekniċi internazzjonali u l-liġi dwar l-ikel filwaqt li tiżgura li l-livell għoli ta' protezzjoni adottat fl-Unjoni ma jitbaxxiex.
- (4) L-Unjoni ppreżentat riżervi⁴⁵ lill-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi dwar is-CXLs proposti għall-kombinamenti ta' pestiċidi/prodotti li ġejjin: aċetoklor (il-prodotti kollha), afidopiropen (il-prodotti kollha), bifentrin (il-prodotti kollha), boskalid (is-sottogrupp tal-pomu), buprofezin (il-prodotti kollha), carbendazim (il-prodotti kollha), ċiklaniliprol (il-prodotti kollha), ċipermetrina (inklużi l-alpha- u z-zeta-ċipermetrina) (il-prodotti kollha), dikamba (il-prodotti kollha), flonikamid (il-prodotti kollha), fluważifop-P (it-tuta tas-sebuqa, il-frawli), fluwensulfon (il-prodotti kollha), foseetil-Al (il-kafeni), glyphosate (il-prodotti kollha), mandestrobin (il-lift), metaflumiżon (l-għeneb), metkonażol (il-prodotti kollha), methoprene (il-prodotti kollha), pentijopirad (il-prodotti kollha), pikossistrobin (il-prodotti kollha), propiconazole (il-prodotti kollha), pydiflumetofen (il-prodotti kollha), tebukonażol (il-prodotti kollha), tolklofos-metil (il-patata) u tolfenpirad (il-prodotti kollha).
- (5) Barra minn hekk, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") identifikat tħassib potenzjali ta' konsum akut għat-thiabendazole fil-patata helwa⁶. Għalhekk, is-CXL ikkonċernat mhux se jiġi inkluż fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 bħala MRL.
- (6) Is-CXLs li għalihom l-Unjoni ma ppreżentatx riżerva lill-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi u li għalihom l-Awtorità ma identifikatx tħassib potenzjali ta' konsum akut, li jikkonċernaw ċerti CXLs għall-benzovindiflupir, għall-boskalid, għall-fenażakin, għall-fluważifop-P, għall-flupyradifurone, għall-fluksapiroksad, għall-fosetil-Al, għall-isofetammid, għall-metaflumiżon, għall-pyraclostrobin, għall-ispirotetramat, għat-thiabendazole u għat-tolklofos-metil, huma sikuri għall-konsumaturi fl-Unjoni⁷. Għalhekk dawn is-CXLs jenħtieġ li jiġu inkluż fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 bħala MRLs, ħlief meta dawn ikunu relatati ma' prodotti li mhumiex imsemmija fl-Anness I ta' dak ir-Regolament jew meta jkunu f'livell aktar baxx mill-MRLs attwali. Għalhekk jenħtieġ li ma ssir l-ebda bidla fir-

³ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

⁴ Kummenti tal-Unjoni Ewropea dwar il-Codex CX/PR 21/52/5(REV):

https://www.fao.org/fao-who-codexalimentarius/sh-proxy/en/?lnk=1&url=https%253A%252F%252Fworkspace.fao.org%252Fsites%252Fcodex%252FMeetings%252FCX-718-52%252FCRDs%252Fpr52_CRD22x.pdf.

⁵ Rapport tat-52 laqgħa tal-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi REP21/PR: https://www.fao.org/fao-who-codexalimentarius/sh-proxy/en/?lnk=1&url=https%253A%252F%252Fworkspace.fao.org%252Fsites%252Fcodex%252FMeetings%252FCX-718-52%252FREPORT%252FFINAL%252FBREPORT%252FREP21_PR52e.pdf.

⁶ Appoġġ xjentifiku għat-tħejjija ta' pożizzjoni tal-UE għat-52 Sessjoni tal-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi (CCPR). EFSA Journal 2021;19(8):6766.

⁷ Appoġġ xjentifiku għat-tħejjija ta' pożizzjoni tal-UE għat-52 Sessjoni tal-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi (CCPR). EFSA Journal 2021;19(8):6766.

rigward tal-MRLs għall-klorantraniliprol, għall-kresoksim-metil, għall-meżotrijon, għall-pendimetalina, għall-pyriofenone, għall-piriprossifen u għat-tebukonażol.

- (7) Abbażi tar-rapport xjentifiku tal-Awtorità u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti tas-suġġett ikkunsidrat, il-modifiki xierqa tal-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (8) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat skont dan.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN